TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 345/10

**Romina Randazzo**

**vs**

**Exotique**

Illum 5 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf, mitejn u tnejn u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmi (€1,242.50), rappreżentanti prezz ta' *laptop* Sony Ericsson illi ġralu l-ħsara.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *laptop* Sony Ericsson mingħand id-ditta intimata u wara ftit li għaddiet il-garanzija, dan ġralu l-ħsara u għalhekk ir-rikorrenti qegħda titlob illi jiġi msewwi bla ħlas.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jinnota li l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, dan baqa' ma deherx għas-seduta u għalhekk ma kkontestax it-talba.

It-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal wara li sema' lir-rikorrenti tixhed, jinnota li l-verżjoni tagħha hija kredibbli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888